# SOLITUDNI FIR-RAMLA

poeżiji

ĠORĠ BORG



EDIZZJONI "LEJN IX-XEFAQ"

PJ9698.3
.B628S65
P.B.198

**Royal University of Malta Library**

121077

Progressive No. of Work ...............

No. of Volumes ONE

Class Mark PJ9698.3.B628 S65

REFERENCE

P.B. 198 B

Remarks Melitensia

ĠORĠ BORG

# SOLITUDNI FIR-RAMLA

poeżiji

Daħla kritika
ta'
DR. OLIVER FRIGGIERI

Edizzjoni 'Lejn ix-Xefaq'
1978

*edizzjoni 'Lejn ix-Xefaq' nru. 5*

*editur ġenerali: Sammy Calleja*

*l-ewwel edizzjoni — 1978*

*jedd miżmum mill-awtur*

*mitbugħ fil-Veritas Press, Żabbar.*

# ĠORĠ BORG –

# IL-LIKWIDITA' BHALA QOFOL METAFORIKU

*Daħla kritika ta' DR. OLIVER FRIGGIERI B.A., M.A., Ph.D.*

## Daħla għall-motiv ta' l-identità

Wara li r-romantiċiżmu fittex li jbiddel il-kriżi personali f'rebħa illużorja, f'dinja idillika ġewwiena (i.e. differenti ħafna mill-idillju aljenat ta' l-Arkadja u movimenti oħrajn li aktar tnebbhu minn gosti barranin milli minn ħtiġiet spiritwali) li hi l-ħin kollu **in fieri,** miexja infinitament lejn l-irrazzjonali hieni, min-naħa l-oħra l-istess romantiċiżmu fittex li jasal għal definizzjoni tal-persunalità, għall-wetqa kburija tal-jien singulari u kollettiv. L-individwu, bħala l-annimal distint mill-bqija bis-saħħa ta' identità emotiva (jiġifieri ħallieqa f'dan il-kuntest), u l-individwu gruppista, in-nazzjon kollu li jibni lilu nnifsu skond kontenut komuni għaċ-ċittadini u f'konfront ma' nazzjonijiet distinti oħrajn: dawn huma ż-żewġ entitajiet, riflessi ta' xulxin li, minkejja t-taqlib spiritwali, isibu identità stabbli tagħhom infushom f'dak li jifhmu li huma u f'dak li joħolmu li jistgħu jkunu (id-djalettika reali — ideali). Hu s-sentiment, kontra l-impożizzjoni tar-raġuni iebsa u matematikament eżatta u predifinita, li jrodd il-persunalità bħala sett ta' qawwiet li joħolqu u li jagħżlu lill-wieħed mill-ieħor, lill-persuna mill-oħra u lill-ġens mill-ieħor.

Malta romantika ħadet sehem kbir f'din il-mixja lejn l- awtodefinizzjoni tas-seklu dsatax u bis-saħħa tal-wirt Taljan waslet biex għarfet lilha nnifisha għall-ewwel darba fl-istorja kollha, xegħlet il-ħuġġieġa risorġimentali hi wkoll u ġġieldet it-taqbida li għaddew minnha ġnus oħrajn, bħal Franza, il-Ġermanja u fuq kollox l-Italja, il-mudell li tant kien qrib u mġarrab lokalment li seta' joffri, kif offra, saħansitra l-prassi, il-formula li tbiddel. Parti minn dan il-moviment ta' tiġdid mirut mid-dinja politiku-letterarja Taljana tas-seklu dsatax hu t-twelid ta' letteratura bil-Malti, wieħed mill-effetti taddħul tal-mentalità risorġimentali u romantika Taljan fil-moħħ lokali. Fil-qasam politiku għandna l-evoluzzjoni kostituzzjonali matul il-ħakma Ingliża, u fil-qasam kulturali, l-aktar letterarju, għandna

l-mogħdija mill-klassiċiżmu u l-varjazzjonijiet "mejtin" tiegħu għar-romantiċiżmu u l-kisbiet "ħajjin" li wettaq f'kull qasam tal-ħidma umana u li l-letteratura qisithom bħala l-qofol tad-dmir morali tagħha (biex nirreferi għal spunt ċentrali ta' l-estetika Mazzinjana li xorbu minnu tant awturi Maltin, fosthom Dun Karm u poeti u rumanzieri li kitbu bit-Taljan u bil-Malti fis-seklu l-ieħor u fl-ewwel nofs ta' dan is-seklu). Fil-fatt, il-poeżija romantika Maltija bdiet tfittex, saħansitra qabel il-politika antikolonjali, li tiddefinixxi għall-ewwel darba lill-gżira f'termini nazzjonali, jiġifieri f'termini moderni kif nafuhom minn xi Voltaire u minn żmien Voltaire 'l hawn, skond kuxjenza demokratika u popolareska u mhux aktar irjali u imperjali. Għandna d-dehra ta' Malta bħala kotra ta' individwi komuni u sublimi fil-bixra komuni tagħhom (tħabbira tas-sens tal-banali kif nafuh fil-letteratura moderna ta' xi Henry James, Kafka u Joyce u fuq kollox tas-sens ta' l-idjota sublimi ta' Dostoyevsky), bħalma għandna wkoll it-tiftixa ta' jien imxekkel mifhum f'termini psikoloġiċi u personali (e.g., kif jixref fi Briffa, f'Karmenu Vassallo u f'Buttigieg).

Il-poeti ċerebrali, il-membri ħerqana tal-grupp tas-sittinijiet ta' dan is-seklu li fittxu li jirrestawraw il-poeżija Maltija, "ifejquha" mill-marda ta' romantiċiżmu dekadenti li kien ilu li qeda l-funzjoni li tatu l-estetika ottoċenteska u jdaħħlu minflokha forom u temi ġodda misluta minn avventuri letterarji u minn esperjenzi soċjali kontemporanji, ma setgħux jibqgħu jfittxu, b'tant ħeffa, din l-awtodefinizzjoni erojka. Ir-riħ tal-bidla Ewropeja u Amerikana li nħass fis-snin sittin, il-kontestazzjoni studenteska f'bosta universitajiet, u f'Malta l-kuntatti ġodda — televiżjoni, ġurnali, safar, turiżmu — u fuq kollox il-ksib ta' l-indipendenza politika urew li l-innu tal-patrija issa kien eżawrixxa ruħu; l-identità persunali u nazzjonali ma kinux aktar ċertifikat li seta' jinkiseb bil-ħeffa, anzi kienu problema, toqol spiritwali u soċjali. Waqt li r-romantiċi kienu għadhom kemm iddefinew lil Malta u fittxu li jinkwadraw definizzjoni persunali fi ħdan id-definizzjoni etnika, politika u nazzjonali, il-moderni raw l-identità bħala ideal jew triq oħra ta' l-ispirtu mdejjaq u mhux bħala wieħed mill-jeddijiet mitwielda. L-epika saret eleġija, l-innu tbiddel f'karikatura u miċ-"ċertezza" sentimentali, ħallieqa u dejjem hienja, anki fit-tbatija, ir-ruħ poetika għaddiet għad-dubju xettiku, għal tiftixa mingħajr fiduċja. Min-nazzjon kburi ta' Dun Karm għaddejna għat-tribù marida ta' xi Mario Azzopardi u xi Victor Fenech, mill-jien imsaħħar, imqar jekk imweġġa', ta' xi Briffa, Vassallo u Buttigieg, għaddejna għat-tkissir kubista u surrealista tal-personalità ta' xi Daniel Massa, Achille Mizzi, Joe Friggieri, Philip Sciberras u Doreen

Micallef.

L-aħjar eżempju ta' dan it-trapass jista' jittieħed b'riferenza għall-funzjoni tal-baħar — bħala fenomenu naturali u bħala **vehicle** metaforiku (i.e. wieħed mit-termini nozzjonali kif il-kritika moderna taqsam u tistħarreġ il-partijiet komponenti ta' metafora) — f'Dun Karm, fuq naħa, u f'xi moderni, fuq in-naħa l-oħra. F'Dun Karm il-baħar hu jew wieħed mill-komponenti li jibnu d-definizzjoni pajsaġġistika u storika ta' Malta (e.g., "Żagħżugħ ta' dejjem", "Otia Aestiva") jew simbolu ħaj, antropomorfizzat ta' kuxjenza li trid tifhem billi titħaddet man-natura non-umana, "leħen" romantiku ieħor li jlissen suġġestivament il-misteru ġewwieni li jixref fil-forom empiriċi (e.g., "Il-jien u lil hinn minnu", "Waħdi"). F'għadd ta' poeti moderni, bħal Daniel Massa u Achille Mizzi, hu dinja immanenti, biċċa mill-**ego** mnikket eżistenzjalment (u mhux romantikament), xhieda tas-suġġett li joġġettivizza lilu nnifsu mhux biex jiddjaloga bħar-romantiċi ma' dinja non-umana umanizzata, iżda biex ifittex bi tbatija definizzjoni ġdida, vaga, frott ta' soċjetà li l-poeta jaraha mkissra fis-sisien u mċaħħda mis-sostanzjalità organika li tgħaqqadha f'entità.

Fi ħdan dan il-kwadru storiku-letterarju tal-preżenza tal-jien investigativ li jrid jiddefinixxi, il-problema li jippreżenta Ġorġ Borg tista' (i) titqiegħed fid-dawl xieraq tagħha u (ii) tiftiehem skond l-aspetti li jorbtuha mat-tradizzjoni u joftmuha minnha.

**L-awtodefinizzjoni**

It-tifsira ta' Ġorġ Borg bħala poeta li jisħaq fuq il-baħar hi spunt ta' aġġornament, turija ta' parteċipazzjoni mġedda f'dinja li hi kemm letterarja (għaliex qiegħda titbiegħed mill-ħamrija letterarja ta' qabel, minn Ġ.A. Vassallo sa Ġ. Muscat Azzopardi sa K. Vassallo sa A. Buttigieg, u ġġedded u timmodifika motivi eżistenti bħal issa, e.g., f'xi Daniel Massa) u kemm soċju-politika (għaliex il-baħar ukoll tbiddel, fis-sens li s-suġġett li jaħsbu — i.e. jaħseb lilu, u mhux jaħseb fuqu — ma baqax iħares lejh bħal qabel). Waqt li Borg jissuġġerixxi bixra tradizzjonali, għaliex żamm forom, kostrutti u aspetti barranin oħra li norbtuhom mat-tradizzjoni (i.e. ma jvarjawx ħafna, ma joħorġux daqs il-poeżija l-ġdida mil-limiti tan-norma biex jiddevjaw b'mod aktar provokanti mill-kitba ta' qabel), min-naħa l-oħra hu identifikabbli bħala modern bis-saħħa ta' din il-preokkupazzjoni mġedda: il-baħar, mhux aktar bħala spunt dekorativ jew bħala "persuna" li l-poeta waħdieni jitħaddet fantastikament magħha — bħall-kanarin ta' Dun Karm, bħal tant ħlejjaq animati u inanimati ta'

Buttigieg, bħall-agħsafar ta' Wordsworth, Keats, Shelley, Leopardi, bħall-albatru ta' Baudelaire jew il-ħmar ta' Jammes, biex ma nsemmux il-ħuttaf ta' Fogazzaro u l-bhejjem ta' Salvadori, Zanella, D'Annunzio u bosta oħrajn — iżda bħala projezzjoni formali taljien innifsu. Il-paragun tbiddel f'metamorfosi, mis-similitudni (e.g., jien bħall-baħar) għaddejna għall-metafora (e.g., jien il-baħar):

Jien
mill-ibgħad żmien
kont ramla żgħira
nitgħaxxaq bil-ħolqien.[1]

Jien demgħa
li taf l-imluħa
li tidher mal-ħitan

u taf ukoll l-imluħa
— li ma tidhirx —
ta' l-oċejan.[2]

Ix-xewqa tal-poeta m'hix li jumanizza n-non-uman iżda li jiddeumanizza lilu nnifsu. Il-baħar, jew aħjar l-ilma, bħala dak li m'għandux forma fissa u li jikseb u jbiddel surtu skond il-kategorija spazju hu l-element li Ġorġ Borg jużah kontinwament, b'insistenza tipika tiegħu, biex jiddefinixxi lilu nnifsu u biex jiffigura fantastikament fih dak li ma jistax iġarrab: l-istabilità, il-korpożità li jistgħu jissuġġerixxu metafori konkreti.[3] It-tematika mibnija b' "L-Ilma tal-Wied" (1973) tissokta hawn u tiżviluppa l-aspett il-ġdid: il-kriżi li fid-daħla tiegħi jien kont awgurajt, ironikament, li tidħol fid-dinja estetika tiegħu biex jissokta jidħol ukoll il-poeta fil-letterat, jiġifieri biex jidħol il-kontenut uman fil-forma letterarja.[4]

Għalhekk "minn qalbi ... dejjem għaddej / l-ilma tal-wied" u

1. *Ramla,* vv. 1-4.
2. *Demgħa,* vv. 1-6.
3. Eżempju kbir ta' dan il-proċess mentali jinstab fil-metaforizzazzjoni ta' Keats, il-bniedem li fil-mixja tal-qerda fiżika tiegħu hu poeta li jiffigura n-nuqqas ta' stabilità bis-saħħa ta' sensiela ta' xbihat li jixhdu l-istabilità, e.g., il-kewkba ta' *Bright star, would I were stedfast as thou art,* l-"għasfur immortali" ta' *Ode to a nightingale* u l-urna ta' *Ode on a grecian urn.*
4. Cfr. *Il-poeżija ta' Ġorġ Borg, L-Ilma tal-Wied,* Malta, Lux Press 1973, pp. 5-14.

meta jieqaf, dil-qalb "tkun ilha mgħarrqa / ġo l-ilmijiet." [5] M'hix l-għarqa Leopardjana ta' "L'Infinito" u anqas l-għarqa ta' Karmenu Vassallo li jgħaddi lil hinn mil-limitu fiżiku biex jilħaq ordni ideali. [6] Fiż-żewġ romantiċi l-baħar jibqa', ftit jew wisq, oġġett barrani, parti mid-dinja maħsuba jew osservata; f'Borg il-baħar hu l-poeta nnifsu, u l-fluwidità m'hix impressjoni iżda esperjenza diretta, fiżiku-spiritwali, tas-suġġett. Dan il-punt jisseddaq aħjar b'riferenza għal siltiet oħra fejn l-awtur jindika dix-xewqa ta' taħlil, ta' likwidazzjoni tal-korpożità tiegħu nnifsu, ħtieġa lı, wara kollox, għandha suġġestjoni evanġelika bħala mogħdija mill-konkret għall-ispiritwali, mit-taħsir tal-materja għas-safa ta' l-ispirtu (u skond din l-interpretazzjoni l-ilma jikseb tifsira ritwalistika fis-sens tal-magħmudija Kristjana):

ħares lejja biex bil-ħarsa
ħdejk ninħall
u nsir ilma f'din l-għadira
— ilma blù —. [7]

It-tfettiħ tal-jien f'aħna (bdil tal-monologu fi djalogu) iseħħ ukoll fi ħdan l-istess għalqa metaforika. Il-jien li jindirizza lill-int jibqa' fl-istess dinja fluwida li daqskemm tevoka misteru tissuġġerixxi wkoll tfulija, safa primordjali li baqgħet hekk għaliex ma tħalltitx mal-materja:

Aħna l-bebbux tal-baħar
sbieħ, solitarji,
li bnejna l-qoxra
li qed taħbina ... [8]

Id-definizzjoni m'hix singulari iżda wkoll plurali, aktarx duwalistika anki meta l-int u l-jien jiddewbu fl-aħna. Il-ħajja hi spazju, is-silenzju hu "ffriżat" u jien u int "arzelli" bi "ftit trab / irrakkmat." [9] L-esperjenza għandha mill-ħolma daqskemm għandha mir-realtà, it-thewdin jitħallat mar-raġuni (imġiba romantika mħabbla fi żmienna. minħabba għarfien xjentifiku ġdid, minn xi Kafka, Joyce, Hesse, Svevo u oħrajn, fosthom is-simbolisti u s-surrealisti) u f'din il-qagħda

5. *L-ilma tal-wied,* vv. 1-7.
6. Cfr. *L'infinito,* vv. 13-15 u *Dwal,* vv. 15-20.
7. *Ej' ressaqni,* vv. 3-6.
8. *Bebbux,* vv. 1-4.
9. *Spazju,* vv. 3-8.

"fluwida" kollha hu dejjem l-ilma li jiffigura l-problema li għandha f'ħin wieħed mill-indeċiżjoni: bħala għajn ta' tbatija daqskemm għandha mis-sens romantiku-Kristjan tat-tiġrib tat-"tbatija ħelwa", [10] il-pjaċir tad-dulur imbiddel f'dinjità.

Jien ilma mdardar,
int ilma ġieri
— it-tnejn ilma li joħroġ
minn xquq l-għoljiet.

Jien ħabbejtek,
int ħabbejtni ...
ilma, ilma,
ilmijiet. [11]

Mill-konfrontazzjoni bejn żewġ xorta ta' ilma ngħaddu għassetgħa maġika li għandu l-likwidu, dik li jassorbi u jwaħħad likwidi differenti. Żewġ persuni jiddjalogaw misterjożament (bħall-ilma) biex jifhmu biss li d-differenzi ta' bejniethom (ilmijiet diversi) huma sekondarji ħdejn il-fatt li t-tnejn huma ilma, iżda bħall-ilma huma l-ħin kollu, f'sens metaforiku, **in fieri**, ħlejjaq li jixtiequ bla jiddeċiedu, iħossu bla jirraġunaw.

Kontra s-suġġestjoni simbolika ta' l-ilma — għelm ta' indeċiżjoni, ħsus li ma tbiddlux f'ħajja barranija — hemm id-definitezza tal-blat u l-għerien. Il-likwidu kontra s-solidu m'hux ħlief aspett ċentrali tal-moħħ poetiku ta' Borg, u jekk minn dawn il-versi kollha wieħed ifittex li joħroġ sett ta' skemi metaforiċi, dan il-konfront ilma-blat jiffigura ruħu minnufih bħala xhieda ta' Borg imħaxken bejn żewġ estremi, il-vagezza tax-xewqa mhux imwettqa (l-ilma) u l-istabilità eterna, mingħajr tibdil, ta' stat mixtieq milħuq (il-blat). [12] Għalhekk il-bebbux, ħaġa waħda ma' l-ilma, "iħaddan" ġewwa fih il-mistoqsija "eterna" li "ddur / iddur / ġo fina." [13] Flimkien ma' din il-funzjoni mogħtija lill-blat, li jiġbor ukoll is-sens ta' l-iswed (kontra l-abjad li għall-poeta jevoka l-għera, is-safa u l-bjuda), il-funzjoni varja mogħtija lill-ilma tippreżenta t-tema fundamentali ta' dawn il-poeżiji, u aktarx tal-lehma kollha ta'

10. *Fil-għalqa*, v. 11.
11. *Ilma ġieri*, vv. 3-10.
12. Cfr., e.g., *Fis-skiet, Bla nafu.*
13. *Bebbux*, vv. 5-8.

l-awtur sa issa.[14] L-insistenza fuq l-ilma tidher saħansitra fl-oppost, waqt qasir u interessanti fejn kontra l-likwidità bħala esperjenza għammiela tidħol in-nixfa bħala esperjenza ta' ċaħda:

U fl-għatx li ma jaqtax
ta' dik is-siegħa
id-demm idur fir-ras
u jniggeż il-qurriegħa.[15]

**Id-djalogu ma' figura ideali**

Hemm fdal ta' dispożizzjoni fantastika romantika fil-ħeġġa ta' Borg biex jiżvolġi djalogu ma' int stramb, trasparenti u preżenti sikwit, xi drabi **super-ego,** u drabi oħra l-**id** b'mod ġenerali, xi mindaqqiet forma ideali li qajla għandha sura sensibbli u drabi oħra sieħba żviluppata ġmielha biex titqies, fit-tradizzjoni ta' xi Karmenu Vassallo[16] f'Malta, bħala l-ħlejqa illużorja li tgħix mal-poeta u għall-poeta sakemm ittul l-illużjoni, il-ħolma mixtieqa tas-solitarju li jbiddel it-tiġrib tiegħu ta' ħalliem mat-tiġrib tiegħu ta' realist normali.

Iżjed mill-preżenza ta' dan l-aspett, tipiku ta' tant poeżiji ta' mħabba, fil-każ ta' Borg hu interessanti ħafna li din il-figura ideali vaga u ħanina, hi lokalizzata f'ambjent ta' (i) ilma[17] jew (ii) veġetazzjoni.[18] F'din il-klassifikazzjoni jiksbu tifsira poeżiji bħal "Fis-skiet", "Bla nafu", "Kemm darbi", "Ej ressaqni" u "Twemmin" fejn is-sens ta' permanenza u hena dejjiema milħuqa hu kkonkretizzat fil-poeżija tal-blat. Madankollu, kemm meta din il-figura misterjuża tevoka s-sikta, jew tqanqal il-fakra, jew tistieden għat-twaħħid man-natura, u kemm meta tiżviluppa s-sens ta' l-art imbierka jew tat-"tbatija ħelwa", hi aktarx dejjem il-persuna mingħajr isem li għandha kemm mis-solidu u kemm mil-likwidu, ħlejqa li tlaħħam il-primor-

14. Cfr...*Fid-dlam...*, *Bħal marid*, *L-ilma tal-wied*, *Ej' ressaqni*, *Raxx Twemmin*, *Ramla*, *Daħlet ix-xitwa*, *Fix-xita*, *Demgħa*, *Hemm kelma*, *Is-skiet*.
15. *Kalvarju*, vv. 7-10.
16. Cfr. *Lit-tfajla ta' mħabbti*, *Formosa* u l-essay *It-tfajla tal-poeta ta' bla isem*, *Alla taż-żgħażagħ*, Malta, Giov. Muscat 1939, pp. 25-27.
17. *Fis-skiet*, *Kemm drabi*, *Ej' ressaqni*, *Twemmin*, *Ilma ġieri*, *Bebbux*, *Spazju*, *B'tifkira*, *Taħt l-ilma tal-funtana*, *Is-skiet*.
18. *Meta niftakar fik*, *Bħalissa*, *Jekk qatt*, *Loqma ħobż*, *Tmellis*, *Għidli*, *Fil-għalqa*.

djalità innoċenti u solitarja (e.ġ., "Taħt l-ilma tal-funtana") u li tispiċċa biex tevolvi f'Borg il-bixra tat-tifel etern, il-**poeta puer** li hawn hu preżenti l-ħin kollu u li saħansitra jagħmel anki tfakkira ritwalisistika ta' din l-idea dejjem qawwija u preżenti:

Issa l'int tlaqt għal kollox
b'tifkira nkun irrid
niġbor minn fuq ir-ramel
bebbuxu kkulurit. [19]

Il-poetika tal-**poeta puer** tidher wisq aħjar fil-gost kontinwu taċ-ċokon. Bħal Briffa, leħen Malti li Borg jibqa' sikwit qrib tiegħu,[20] Borg jisħaq fuq persuni, oġġetti, ħlejjaq żgħar jew teneri, waqt li fil-qasam ta' l-attività jinsisti fuq verbi li juru ħlewwa, ħniena u sforzi ċkejkna, e.g., (i) persuni: tifel żgħir, ġismek roża, ġismi fin, ġismek fjur ta' l-ilma; (ii) ħlejjaq u oġġetti oħra: farfett, għasfur, għajnejja, għadira, subgħajk, subgħajja, truf peprina, sodda ħaxix, telqa, nagħsa, ħajta, kelma, gawwiija, idek, skiet, loqma, tajjâr, anġli, żiffa riħ, bewsa, ramla żgħira, fewġa, ftit trab, fidloqqom, ġarġir, sillaba, weraq, xofftejja, bebbux, mewġ tax-xtajta, ħannieqa, għonqok, l-ilma, ħjut, dawl bejn il-persjani, strixex, xquq; (iii) verbi jew azzjonijiet: ħa mmisshom, niġġerra, xxuttaw, imellsu, igref, nbusek, dewwaqni, itfagħha f'ħalqi u qegħ'dha fuq ilsieni, imellisna, ħallejtni mmiss, dawwar ħelu, kont tmissu, jitfissed, jilgħab, inlissinha, tiżloq, nien. Stħarriġ ta' l-aġġettivazzjoni jixhed ukoll għażla qawwija ta' kwalitajiet li jissuġġerixxu kemm iċ-ċokon u kemm it-tenerezza: delikati, artab, ħelwa, żgħir, ħafi, blù, roża, sabiħ, oħla, fin, nuda, irrakkmat, mimduda.

Fil-kuntest ta' din il-kunsiderazzjoni lessikali ta' min ineżża' wkoll il-lingwaġġ ta' Borg biex joħroġ minnu l-frażarju elementari li, dejjem bħala parti minn din id-dinja safja ta' ċokon u ħlewwa, idur madwar u jiżviluppa aħjar l-idea ċentrali ta' l-ilma: dmugħ, jdemmgħu, wied, mgħarrqa, ninħall, għadira, xatt, raxx, mewġ, baħar, fjur ta' l-ilma, melħ, ramla, għatx, oċejan, bebbux, ffriżat, ddub, petrifikat, arzelli, xquq l-għoljiet, ġieri, ifawwar, gawwija, xxuttaw, nixfa, inixxu, mdardar, imluħa, xtajta, ramel, funtana. Ċertu kliem hawn hu mniżżel darba biss, iżda m'hemmx għalfejn wieħed iżid igħid li jidher bosta drabi f'dawn il-poeżiji. Fl-istess ħin wieħed jinnota li fil-kategoriji varji ta' dan l-istħarriġ ċertu kliem jidher dejjem,

19. *B'tifkira*, vv. 10-13.

20. Għal diwi elementari ta' Briffa ara *Kalvarju* u *Jekk qatt*.

fis-sens li hemm **overlapping**, e.g. "bebbux" u "gawwija" jidħlu kemm fit-taqsima ta' kliem li jisħaq fuq is-sens taċ-ċokon u l-ħlewwa u kemm fit-taqsima tal-kliem li jevoka l-baħar, l-ilma, jew aħjar il-likwidità ta' l-ilma fis-sens wiesa'. Dan m'hux għajr prova li fil-poeta hemm unità viżjonarja, hu entità waħda li jvarja fl-aspetti sekondarji biex jibqa' "jgħum" fl-istess "baħar" tematiku, u għalhekk ukoll stilistiku. L-insistenza devota ta' l-awtur fuq nukleju kkonċentrat ta' kliem tixhed il-preżenza ta' verżjoni simbolika partikulari tal-ħajja li anki tneżżigħ tal-frażarju jtellagħha minnufih fil-wiċċ. Fi kliem mużikali ngħidu li Borg ivarja fuq l-istess tema, u fi kliem letterarju ngħidu li jinqeda b'kodiċi lingwistiku magħżul biex bis-saħħa ta' reġistru li jisħaq fuq aspett partikulari jiffigura poetikament dinja persunali.

**Il-poeżija tas-sikta**

Flimkien ma' dawn il-motivi, anzi bħala wetqa jew komponenti ieħor ta' l-ambjentazzjoni mistħajla tagħhom, hemm il-motiv tal-ħemda, it-tisħiq fuq sensiela ta' ħinijiet, imkejjen u qagħdiet psikoloġiċi li jevokaw rispettivament jew il-mistrieħ, jew is-solitudni jew in-nuqqas ta' ftehim u x-xeħta spiritwali għar-riflessjoni. Xi drabi hemm tiżwiġ tal-motiv tal-ħin tas-skiet mal-motiv tal-qagħda psikoloġika tas-skiet u mal-motiv tal-post solitarju:

Stennejna
min minna t-tnejn
se jitfa' l-ewwel kelma
'il barra mix-xofftejn.

Fis-skiet ta' dak il-ħin
stajna nisimgħu biss
weraq niżlin.[21]

Hawn Borg jibda biex jagħti ħjiel tal-qagħda psikoloġika ta' tnejn qrib xulxin fiżikament iżda mbiegħda minħabba misteru li jġegħelhom jisktu u jsibu diffikultà komunikativa (vv. 1-4); jissokta billi jindika li hu ħin il-ħemda (v. 5); jagħlaq billi jissuġġerixxi l-ambjent tal-ġnien, jew aħjar tan-natura veġetativa, fejn is-soltu kemm il-poeżija (e.g., ir-romantiċi kollha, u f'Malta Dun Karm,

21. *Stennejna*, vv. 1-7.

Buttigieg, K. Vassallo, Ġ. Zammit u Briffa, il-poeta tal-ħinijiet u l-imkejjen solitarji bħala sura esterjorizzata ta' kriżi ġewwiena) u kemm i-impressjoni popolari "jillokalizzaw" l-esperjenza ħassieba jew riflessiva. F'waqt ieħor dan it-tqassim tripliċi jalterna mod ieħor u fil-każ tal-komponenti temporali jbiddel il-ħin maż-żmien, bħallikieku biex jixhed li m'hemm ebda differenza sostanzjali (anzi differenza figurativa biss, jiġifieri fil-għodod immaġinattivi li jpinġu viżjoni tal-ħajja) bejn dawn it-tliet karattri tal-qagħda spiritwali tal-poeta:

Fis-skiet
it-tnejn li aħna
waqafna
għad-dell tal-wied.

U tant irġajna lura
fiż-żmien
li sirna biċċa
mill-blat u mill-għerien.[22]

Mill-qagħda psikoloġika (vv. 1-2) Borg igħaddi għall-figurazzjoni konkreta jew pajsaġġistika tagħha, li din id-darba m'hix ġnien iżda wied (vv. 3-4), u jagħlaq biex minflok xi ħin magħżul tal-jum marbut mal-ħemda (bħal-lejl, wara nofs in-nhar u l-bqija) jevoka ż-żmien bħala kategorija ta' l-eternità (e.g., skond Leopardi ta' "L'Infinito"), jew aħjar iż-żmien, "imsikket" imwaqqaf fis-sens ta' Briffa (e.g., Deżolazzjoni, v. 11) li f'dan id-dawl jinħass influwenti ħafna f'Borg, bħala qagħda mingħajr tibdil, stasi riflessiva li tbiddel lill-bniedem "ħaj" (i.e. mimli ċaqliq organiku) f'oġġett mejjet iżda dejjem preżenti (i.e. inanimat u statiku): "biċċa mill-blat u mill-għerien." F'dan il-kuntest ukoll id-djalettika ilma-blat, infinitàfinità, preżent-ġejjieni tidher aħjar, bħalma fl-istess ħin tgħin ukoll fl-iżvolġiment tad-djalogu ideali mal-figura vaga. Fil-fatt, iż-żewġ poeżiji misluta jsemmu lil dawn iż-żewġ persuni, "it-tnejn li aħna," "minna t-tnejn." Wieħed jintebah ukoll li mħallat ħaġa waħda malpoeżija ta' dan il-motiv hemm ukoll il-gost tal-ħwejjeġ żgħar imsemmija qabel. Borg ifisser varjatament, iżda b'varjazzjoni limitata, l-istess preokkupazzjoni, u dejjem, ftit jew wisq, fis-skiet li hu kemm persunali (jew ġewwieni) u kemm extrapersunali u oġġettiv (barrani). Il-poeta, bħal kull artist, wara kollox, m'hux għajr xi ħadd li

22. *Fis-skiet*, vv. 1-8.

jesterna, ilaħħam u jwelled figurativament il-kontenut emotiv, ibiddel l-esperjenza (moħbija u spiritwali) f'dinja barranija (mikxufa u sensibbli).[23] Ma' dawn l-esperjenzi wieħed jista' jsieħeb ukoll il-poeżija tad-dawl u d-dlam, varjazzjoni ta' l-istess imġiba tipika ta' Borg f'din il-ġabra.[24]

Varjazzjoni tal-konfront dawl-dlam tinstab fil-kuntrast abjad-iswed li, terġa', hu parallel għad-duwaliżmu l-ieħor ilma-blat. Id-dinja żgħira ta' Borg tisħaq ukoll fuq tiftixa ta' lwien li l-preżenza tagħhom tevoka kwalitajiet li jmorru lil hinn mit-tifsira normali tagħhom, jiġifieri huma elementi metaforiċi. L-akbar insistenza hi fuq l-abjad, il-"lewn" ta' l-ilma u fuq kollox il-"lewn" tas-safa jew il-ferħ imnissel minn din il-ħolma ta' primordjalità mingħajr ħtija li l-poeta qiegħed ifittex fil-ħwejjeġ ċkejknin:

> Is-siġar ... ħolmu bil-bjuda;[25]
> Holm ta' bjuda.[26]

Drabi oħra l-bjuda tfisser il-paċi mixtieqa,[27] il-ġmiel naturali tal-ġisem,[28] waqt li, fl-istess ħin, is-sinifikat spiritwali tal-kulur hu mseddaq aktar bis-saħħa ta' konfrontazzjoni ma' l-iswed, xhieda oħra ta' l-ossessjoni bis-seħer tal-figuri silwettati.[29] Hu x'inhu, kemm meta Borg ifittex xi "bebbuxu kkulurit",[30] kemm meta jixtieq lil min iressqu ritwalistikament lejn "dan l-ilma ċar kristall" biex hu nnifsu isir "ilma blù",[31] kemm meta jħoss il-ħtieġa li jbiddel il-"ġisem roża" ta' ħlejqa oħra fi "ġnien ward sabiħ,"[32] u kemm meta jikkontempla d-"dillierju ta' kħula fil-wied,"[33] hi dejjem il-ħtieġa li jivvertifika l-istqarrija tiegħu nnifsu li

23. Dwar il-poeżija tas-skiet u t-tiżwiġ tagħha mal-motivi ewlenin l-oħra msemmija ara wkoll *Min sema', Fid-dlam..., Bħal marid, Helwa Madonna, Still life, Bla nafu, Kemm drabi, L-Ilma tal-wied, Spazju, Għidli, Bebbux, B'tifkira.*
24. Cfr. *Fid-dlam..., Fuq l-ajruplan, Meta niftakar fik, Fil-għaxija, Bħalissa, Jekk qatt, Strixex.*
25. *Daħlet ix-xitwa,* vv. 10-12.
26. *Għidli,* v. 2.
27. *Bħalissa,* vv. 3-4.
28. *Taħt l-ilma tal-funtana,* vv. 6-7, 10-11.
29. Cfr., e.g., *Strixex, Jekk qatt,* vv. 2-3, *Bla nafu,* vv. 10-11.
30. *B'tifkira,* v. 13.
31. *Ej' ressaqni,* vv. 1-2, 5-6.
32. *Xi darba,* vv. 2-4.
33. *Fix-xita,* vv. 5-7.

l-ħajja qisha ħolma
mingħajr kulur [34]

li ġġiegħlu jbiddel l-ilwien f'mezzi ta' interpretazzjoni personali.

## Gosti letterarji

Dinja ta' ħlejjaq u ħwejjeġ żgħar, ħidmiet ċkejknin u interessi rassenjati u mbiegħda mir-ribelljoni ta' ilħna poetiċi oħrajn tfittex il-mużikalità tal-kelma, u tintilef mingħajr artifiċjalità fil-formazzjoni ta' mudelli ta' ħsejjes sbieħ. Borg ma jfittixx fil-qigħan tal-lingwa biex jasal għall-effetti foniċi ta' din il-ħlewwa; l-onomatopeia tal-ħlewwa hi mfissra bis-saħħa ta' qbil bejn il-mudell ritmiku u l-mudell alliterativ, tlaqqigħ ta' ħsejjes li jsieħbu flimkien, b'enfasi mużikali, il-mixja ta' l-aċċenti u l-qagħda tal-konsonanti mtennija. Fl-eżempji li ġejjin il-qbil bejn iż-żewġ mudelli msemmija xi drabi hu mogħni wkoll bil-korrispondenza bejn konsonanti differenti, e.g,. bejn d, l u m fl-eżempju (i), bejn f, r, ħ, u d u m fl-eżempju (ii):

(i) Halluh idum
id-dlam tal-lum:[35]

(ii) U l-ferħ li fraħt il-bieraħ
ma damx ma sarli dmugħ; [36]

(iii) Hallini nerġa nbusek
kif naf inbusek jien
x'ħin ġewwa ħdanek naqa'
u nsibek fil-ħarsien; [37]

(iv) Is-saħħa u nien
nagħlaq għajnejja u norqod
għajjien, għajjien. [38]

34. *Still life,* vv. 5-6.
35. *Fid-dlam...* vv. 4-5.
36. *Fid-dlam...,* vv. 12-13.
37. *Fuq l-ajruplan,* vv. 6-9, Fil-vv. 2-5 is-saħħa ta' dan il-qbil bejn konsonanti f'sillabi aċċentati u konsonanti b'ħoss identiku hi megħjuna wkoll bil-preżenza ta' l-istess konsonanti f'sillabi mhux aċċentati. Cfr. ukoll *Fid-dlam...* vv. 14-17. L-insistenza l-aktar għażiża u tipika f'Borg hi fuq id-dentali nasali mleħħna *n*. Cfr. ukoll *Twemmin,* vv. 9-12, *Xi darba,* vv. 2-7.
38. *Fil-għaxija,* vv. 2-4.

F'siltiet oħrajn il-motiv mużikali hu mwassal bis-saħħa ta' insistenza fuq il-konsonanti doppji; kemm l-effett li joħroġ mid-differenza fl-importanza bejn sillabi mingħajr aċċenti ritmiċi u sillabi aċċentati, u kemm id-densità konsonantali maħluqa b'hekk jagħtu bixra f'saħħitha lill-versi. Fil-fatt, fl-ewwel eżempju li ġej mhux biss hemm dawn il-kwalitajiet, iżda s-silta hi mmexxija minn żewġ imperativi:

(i) Ej' ressaqni lejn dan l-ilma
ċar kristall;
ħares lejja biex bil-ħarsa
ħdejk ninħall; [39]

(ii) It-tfajla li niżlet sax-xatt
ġie r-raxx ta' l-imħabba fuq wiċċha
u ħolmot kif joħlom kulħadd [40]

**Il-leħen solitariu**

Dan it-tip ta' poeżija m'hux komponenti ewlieni tan-nebħa moderna Maltija, orjentata aktar lejn l-iżviluppi Ingliżi u Amerikani milli lejn il-passi post-romantiċi ġodda tad-dinja Latina. Borg, għall-kuntrarju, baqa' mbiegħed mill-avventuri ċerebrali tad-dinja letterarja "inqas spiritwali u reliġjuża" li xorbu minnha l-ilħna tipiċi tal-poeżija moderna Maltija, Min-naħa l-oħra, jekk jidher romantiku (imġedded), jidher ukoll nieqes mid-dinamika ta' l-illużjonijiet il-kbar, u jekk jidher sentimentali u patetiku (fis-sens tal-poeżija patetika), juri minnufih li l-emozzjoni hi mrażżna, imliġġma fi ħdan limiti ta' maturità storika, skond żmien differenti mis-seklu dsatax, jew għallinqas mis-snin l-iżjed importanti ta' l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin f'Malta. Fi kliem ieħor, waqt li l-poeti minuri ta' żmien u wara Dun Karm, id-dunkarmjani, kitbu sikwit poeżija li imitat lill-imgħallem, lehma skadenti mqiegħda letterarjament f'forom eżawriti, f'Borg l-għarfien letterarju tiegħu hu mtaħħat għall-esperjenza u għall-ftuħ psikoloġiku u kulturali tiegħu quddiem kultura diversa u aġġornata. Jekk, minn naħa, jinħass diwi formali u tematiku ta' xi Briffa, minn naħa oħra hemm tħaddim differenti ħafna (u xi drabi aħjar) tal-mezzi formali u hemm kontenut universalizzat wisq iżjed milli hu l-kontenut ta' Briffa li xi drabi ma jeħlisx għal kollox

39. *Ej' ressaqni,* vv. 1-4.
40. *Raxx,* vv. 1-3.

mill-bixra tad-djarju.

Fl-istess ħin Borg hu mbiegħed mill-bixra impersunali tal-poeżija ċerebrali ta' l-aħjar ilħna moderni lokali. Il-kontestazzjoni politika u letterarja tagħhom ma tidħolx fid-dinja ġwejda tiegħu, it-tiftixa ta' leħen imrażżan hi mbiegħda mill-użu tal-vuċi b'tonalitajiet għolja u provokanti tal-bqija, u s-sempliċità fil-binja kumplessiva m'għandha x'taqsam xejn mat-taħbila sintattika li toħroġ sikwit mil-lingwaġġ tassew devjanti, u kreativ, tal-grupp "riformista" tas-sittinijiet li uħud mill-imseħbin ewlenin tiegħu tbiddlu ħafna fis-sebgħinijiet biex resqu lejn forom u kostrutti lingwistiċi inqas polemiċi iżda xorta waħda mbiegħda mis-sens ta' rabta storika (iżda mhux ripetitiva) li tissuġġerixxi l-kitba ta' Borg. Borg hu modern f'sens differenti, u dan hu l-isforz ta' dawn il-kummenti, għaliex xi aspetti ta' xeħta tradizzjonali jistgħu jwasslu biex wieħed jikkonkludi li hu tradizzjonali. Dan hu l-periklu li jmiss lil kull poeta li jagħżel li jżomm elementi tal-poeżija magħrufa, waqt li l-kritika f'każ bħal dan trid tisħaq fuq il-għażla bejn il-poeta li hu modern (l-uniku mod kif poeta jista' jkun validu llum) u jinqeda b'wirt tradizzjonali b'mod persunali u mġedded (e.g., Ġorġ Borg) **u** l-versifikatur li jidentifika, bi żball kbir, l-għarfien ta' mudelli u skemi tematiċi u formali tradizzjonali mal-bravura poetika (e.g., il-ġgajta tal-minuri Dunkarmjani).

Aktarx li Borg hu leħen solitarju f'dan il-kwadru tal-poeżija l-ġdida f'Malta. Minħabba li f'dawn l-aħħar għaxar, ħmistax-il sena nkitbu uħud mill-aħjar poeżiji li qatt inħolqu bil-Malti minn żmien il-poeta nazzjonali, is-siwi estetiku taż-żmien romantiku u taż-żmien modern jitkejjel, fost l-oħrajn, skond id-diversità għaqlija u mġarrba, għaliex dak li hu validu fl-arti hu dejjem differenti u aktarx kuntrarju għas-sabiħ ta' żmien imgħoddi, tradizzjonali. F'dan il-kuntest il-versi ta' Borg għandhom jitqiesu kemm fid-dawl ta' kemm ivarjaw mil-lehma tradizzjonali u kemm fid-dawl ta' kemm huma wkoll differenti mill-kitba iżjed tipika tal-kurrent ewlieni ta' llum.

## PENSJERI

Ha mmisshom il-pensjeri
ta' ġol-važett
kif tifel żgħir imur minn wara
u jmiss farfett.

## MIN SEMA'

Min sema' bil-qanpiena
li daqqet fil-għaxija
biex ħabbret l-aħħar siegħa
u t-tmiem ta' l-agunija,

ħass bħali tiġri f'ġismu
tkexkixa kollha ħard
għalkemm is-sajf kien magħna
u sħuna kienet l-art.

## FID-DLAM...

L-imgħoddi miet ...
Nessuli d-dawl li jitfi u jixgħel
bit-tifkiriet.

Halluh idum
id-dlam tal-lum
biex ma narax tbissim
u anqas tislim
biex ħadd ma jħobbni
u 'l ħadd ma nqim
għax sibthom jiġru miegħi
in-nies ta' żewġ uċuħ
u l-ferħ li fraħt il-bieraħ
ma damx ma sarli dmugħ.

Fid-dlam — fejn ma narax —
għallinqas ma nerġax
nixtieq, nixtieq li norqod
u nibqa' ma nistax!

## FUQ L-AJRUPLAN

Mulejja,
x'ħin jidlam minn hawn fuq
ħallini nerġa' nsibek
kif sibtek
fil-ħin tat-tluq.

Ħallini nerġa' nbusek
kif naf inbusek jien
x'ħin ġewwa ħdanek naqa'
u nsibek fil-ħarsien.

## ĦELWA MADONNA

Ħelwa Madonna,
jekk ftaħt ir-radju u smajt l-aħbarijiet
jew mill-gazzetta qrajt l-aħħar ġrajjiet,
jekk int terraqt fis-skiet
jew rajt mill-qrib lil ħuti
fil-beraħ jew fl-ibliet,
Int taf li d-dinja tagħna
hi kollha ġlied u ġlied.

Ħelwa Madonna,
jekk tifhem l-għala l-lum naqasna l-kliem
jew l-għala l-ħila ddub fix-xejn quddiem
il-qerda, il-mewt u t-tmiem,
erġa' fid-dinja tagħna,
għix magħna tul il-jiem
u fuqna mbagħ'd jixxerred
is-sliem, is-sliem u s-sliem!

## STILL LIFE

Ix-xemx qed tisreġ
fil-għalqa fejn l-għasfur
fuq zokk ta' siġra wieqaf
ma jafx fejn jista' jmur ...
U l-ħajja qisha ħolma
mingħajr kulur.

## BĦAL MARID

Fit-tieqa ta' kamarti
sтħajjiltni bħal marid
li mhux se jfiq
igawdi biss minn ġewwa
il-ħajja ta' ġot-triq.

U bħal marid
għajnejja bdew jiħmaru
u jdemmgħu ta' sikwit.

## STENNEJNA

Stennejna
min minna t-tnejn
se jitfa' l-ewwel kelma
'il barra mix-xofftejn.

Fis-skiet ta' dak il-ħin
stajna nisimgħu biss
weraq niżlin.

## META NIFTAKAR FIK

Meta niftakar fik
moħħi jixgħelli waħdu
bid-dwal
u l-jiem ta' l-hena
jidhruli twal.

U f'dak il-ħin
għal ftit
niġġerra ħafi
ġo l-infinit.

## KEMM DRABI

Kemm drabi,
int u għaddej minn ħdejja
bla tħares lejja,
li kieku stajt
jien qgħadt nitkellem miegħek
biex naqsam ftit
mill-ħajja tiegħek

sew sew kif il-blat għeri
matul iż-żmien
li seta' kien jitkellem
ma' l-ilma tal-widien.

## FIS-SKIET

Fis-skiet
it-tnejn li aħna
waqafna
għad-dell tal-wied.

U tant irġajna lura
fiż-żmien
li sirna biċċa
mill-blat u mill-għerien.

## BLA NAFU

Bla nafu lil xulxin
ħabbejna l-blat bla sura
u fhimna s-seħer
ta' l-għera tan-natura.

Issa jekk qatt xi darba
jien u int niltaqgħu
ikun 'il bogħod mill-bliet,
mid-djar
u mit-triqat
u nsiru — f'lejl ta' qamar —
silwetti fuq il-blat.

## L-ILMA TAL-WIED

Minn qalbi
fis-skiet
dejjem għaddej
l-ilma tal-wied.

Xi darba, meta jieqaf,
qalbi tkun ilha mgħarrqa
ġo l-ilmijiet.

## BĦALISSA

Għidli għadekx tixtieq
nagħmluha l-mixja twila
f'dal-lejl ta' qamar
ibajdilna t-triq?

Bħalissa
l-lejl kollu sbuħija
ifawwar bil-misterji
għalik u għalija.

U qalbi mxennqa għal qalbek
titniehed imbikkija.

## RAXX

It-tfajla li niżlet sax-xatt
ġie r-raxx ta' l-imħabba fuq wiċċha
u ħolmot kif joħlom kulħadd.

'Mma meta l-mewġ għeja
u naqqas u naqqas fis-skiet,
il-ġibda tal-baħar intfiet.

U stenbhet it-tfajla
mill-ħolma l' għaddiet.

## JEKK QATT

Jekk qatt il-ħars jintilef
biż-żlieġa tax-xjuħija
fid-dawl ta' fil-għaxija
jien u inti nerġgħu lura
u mmorru d-dar
għax x'tiswa, għid, il-ħajja
mimlija ċpar u ċpar?

## EJ' RESSAQNI

Ej' ressaqni lejn dan l-ilma
ċar kristall;
ħares lejja biex bil-ħarsa
ħdejk ninħall

u nsir ilma f'din l-għadira
— ilma blù —
bħal għajnejk li jafu s-sema
kif inhu.

## TWEMMIN

Meta x-xemx fil-bajja tisreġ
u jaħarqu tħoss ħaddejk

meta tkun qed tgħum fil-baħar
u l-mewġ jaħbat ma' ġenbejk

meta ġismek fjur ta' l-ilma
wara ftit il-melħ jiksih

meta ssir ħabib tal-ħajja
li titnissel ġewwa l-qiegħ

int u l-blat tibdew tixxiebhu
tibdew tifhmu lil xulxin
u fil-fond ta' qalbkom samma
tħaddnu t-tnejn l-istess twemmin.

## LOQMA ĦOBŻ

B'diqa u karba
loqma ħobż
kont tlabtek darba.

Iżda l-ħobż li ridt titmagħni
kien għadu lanqas biss
sar qamħ safrani.

U l-għalqa tiegħek
minħabba fija
flok żrajtha qamħ
baqgħet ħamrija.

## RAMLA

Jien
mill-ibgħad żmien
kont ramla żgħira
nitgħaxxaq bil-ħolqien.

U kienet dejjem
il-fewġa tqajjem fija
l-oħla tqanqil
ma' kull April.

U s-siġar iwennsuni
u l-frisk ħalliem jagħtuni.

U x-xemx li tħobbni,
ħerqana
fuq qalbi tħalli s-sħana.

U l-baħar kbir, għażiż,
jimlieni bit-tmellis.

'Mma l-lum
jimteddu fuqi kif ġie ġie
l-bnedmin
u jkasbru, ikasbru biss
lil ġismi fin.

## DAĦLET IX-XITWA

Daħlet ix-xitwa
iġġorr fuq daharha
eluf ta' mnatar
ta' ħdura.

U bihom ksiet
l-egħlieqi, l-għolja
u l-ġenbejn tal-wied.

U ħdejhom
qabel ma xtaqu jitgħattew bil-ħdura
is-siġar kbar tal-lewż
imtertra, nuda,
ħolmu bil-bjuda.

## SPAZJU

Ġo ruħna
l-ispazju li rfajna
hu ġmiel
ta' silenzju ffriżat.

Arzelli
li jaħbu ġo fihom
ftit trab
irrakkmat.

## SĦAB

Irqajja'
ta' sħab fuq rasi.
Tajjâr li xeħtu l-anġli
wara li xxuttaw bih
id-dmugħ
tan-nies li waslu
iss' issa ġewwa l-ġenna.

## ILMA ĠIERI

Iġri miegħi
lejn il-wied.

Jien ilma mdardar,
int ilma ġieri
— it-tnejn ilma li joħroġ
minn xquq l-għoljiet.

Jien ħabbejtek,
int ħabbejtni ...
ilma, ilma,
ilmijiet.

## SILLABA

Mulejja,
dewwaqni sillaba
mill-kliem bla għadd
li tgħidli ta' kuljum
ġo ruħi.

Int stess itfagħha f'ħalqi
u qegħ'dha fuq ilsieni.

Stordut
ma' l-art imwaqqa'
għadni nixxennaq
it-togħma tagħha.

Bħal bewsa
imqiegħda fuq xofftejja.

## FIL-GĦAXIJA

Mad-dawl li jkun ġà tilef
is-saħħa u nien
nagħlaq għajnejja u norqod
għajjien, għajjien.

## KALVARJU

Fit-tlieta
ta' wara nofs in-nhar
fuq l-għolja, 'l bogħ'd mid-dar,
ix-xemx sajfija
tiddi bla sliem
in-nixfa u t-tbatija.

U fl-għatx li ma jaqtax
ta' dik is-siegħa
id-demm idur fir-ras
u jniggeż il-qurriegħa.

## GĦIDLI

Għidli għadekx
trid toħlom ħolm ta' bjuda
f'nofs għalqa
taħt sema tan-nir?

— Intelaq mimduda
u s-skiet ta' madwarek
isirlek ġarġir.

## FIL-GĦALQA

Igref miegħi
il-ħaxix
u ħoss
il-laħam
ta' l-art kannella
u ħalli mbagħ'd
il-ġrieħi
li ftaħt b'idejk
fuq dan il-ġisem kbir
inixxu
tbatija ħelwa.

## XI DARBA

Xi darba
naqbad lil ġismek roża
u nagħmel minnu
ġnien ward sabiħ.

U biex inqanqlek
lil nifsi nibdel
ma' żiffa riħ.

## FIX-XITA

Kont għedtli, fidloqqom,
li qiegħed tistenna
ir-raxxa ta' l-ilma
minn ħdan is-smewwiet.

Għalhekk dad-dillierju
ta' kħula
fil-wied.

## DACHAU

Ejjew
u ħarsu lejna.

Il-kelma mietet
fuq il-kalvarju
tqil ta' xofftejna

Kollox, kollox, mitmum ...

Jew għad il-kelma
tirxoxta
mat-tielet jum?

## DEMGĦA

Jien demgħa
li taf l-imluħa
li tidher mal-ħitan.

U taf ukoll l-imluħa
— li ma tidhirx —
ta' l-oċejan.

## BEBBUX

Aħna l-bebbux tal-baħar
sbieħ, solitarji,
li bnejna l-qoxra
li qed taħbina.

Eterna l-mistoqsija
li ddur,
iddur
ġo fina ...

Min jaf il-mewġ tax-xtajta
hux qiegħed imellisna
jew hux, minflok, jinkina?

## HEMM KELMA

Hemm kelma
li jekk inlissinha
fuq baħar jiskura fl-għaxija
issirli gawwija.

Gawwija li tfittex
imkien iżolat
ħa ssawwab minn ħdanha
il-ġmiel ta' l-ispirtu
fuq baħar u blat.

## B'TIFKIRA

Il-bieraħ — fuq dir-ramla —
ħallejtni mmiss b'subgħajja
ħannieqa żgħira
imsensla mill-bebbux
li dawwar ħelu
għonqok bajdani.

U dak il-ħin
tnissel ġo fija
seħer waħdani.

*          *          *

Issa l' int tlaqt għal kollox
b'tifkira nkun irrid
niġbor minn fuq ir-ramel
bebbuxu kkulurit.

## TAĦT L-ILMA TAL-FUNTANA

Int għext ferħana
taħt l-ilma tal-funtana.

Id-dehxa malajr drajtha
u l-ilma ħjut jittajjar
kont tmissu ħajta ħajta.

Id-dawl tax-xemx fuq ġismek
kien jarmi s-sħana
x'ħin jidħol biex jitfissed
u jilgħab mal-funtana.

Il-ġilda kienet tiżloq,
il-bjuda tpaxxi l-għajn ...
Il-ħajja primordjali
'il bogħ'd minn ta' l-oħrajn.

Għalhekk int għext ferħana
taħt l-ilma tal-funtana.

## STRIXEX

Għalija
is-swied ta' barra,
il-mard tad-diq.

'Mma jekk f'xi lejla
id-dawl bejn il-persjani
jaqa'
strixxa strixxa
fit-triq
niġborhom dawk l-istrixex,
ninkesa bihom
u nfiq.

## TMELLIS

Kemm subgħajk u kemm subgħajja
delikati qed imellsu
truf peprina.

Fuq is-sodda ħaxix artab
f'din it-telqa n-nagħsa ħelwa
tagħmel bina.

U l-ħarrub li jdawwar l-għalqa
mill-ħars kollu tal-ġens tagħna
qed jaħbina.

## IS-SKIET

Meta fil-wied
is-skiet
tarah petrifikat
innamra mal-ġebel,
mal-blat.

U f'lejla ta' qamar
fil-wied
miss b'idek il-bjuda
tintaxar
ma' massa
fuq massa
ta' skiet.

# WERREJ

Ġorġ Borg — Il-Likwidità Bħala Qofol Metaforiku — Daħla

Kritika ta' Dr. Oliver Friggieri, B.A., M.A., Ph.D. ... ... ... 1

Pensjeri ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 15

Min sema' ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 15

Fid-dlam ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 15

Fuq l-ajruplan ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 16

Ħelwa Madonna ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 16

Still life ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 16

Bħal marid ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 17

Stennejna ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 17

Meta niftakar fik ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 17

Kemm drabi ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 18

Fis-skiet ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 18

Bla nafu ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 18

L-ilma tal-wied ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 19

Bħalissa ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 19

Raxx ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 19

Jekk qatt ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 20

Ej' ressaqni ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 20

Twemmin ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 20

Loqma ħobż ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 21

Ramla ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 21

Daħlet ix-xitwa ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 22

Spazju ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 22

Sħab ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 22

Ilma ġieri ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 23

Sillaba ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 23

Fil-għaxija ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 23

Kalvarju ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 24

Għidli ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 24

Fil-għalqa ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 24

Xi darba ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 25

Fix-xita ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 25

Dachau ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... .. 25

Demgħa ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 26

Bebbux ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 26

Hemm kelma ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 26

B'tifkira ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 27

Taħt l-ilma tal-funtana ... ... ... ... ... ... ... ... 27

Strixex ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 28

Tmellis ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 28

Is-skiet ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 28

.aff of K
·eturn by othe
overdue books.
.d to see that the correc·

subject to Bye-Laws.

# SOLITUDNI FIR-RAMLA

## ĠORĠ BORG

Ix-xewqa tal-poeta m'hix li jumanizza n-non-uman iżda li jiddeumanizza lilu nnifsu. Il-baħar, jew aħjar l-ilma, bħala dak li m'għandux forma fissa u li jikseb u jbiddel surtu skond il-kategorija spazju hu l-element li Ġorġ Borg jużah kontinwament, b'insistenza tipika tiegħu, biex jiddefenixxi lilu nnifsu u biex jiffigura fantastikament fih dak li ma jistax iġarrab: l-istabilità, il-korpożità li jistgħu jissuġġerixxu metafori konkreti.

Kontra s-suġġestjoni simbolika ta' l-ilma — għelm ta' indeċiżjoni, ħsus li ma tbiddlux f'ħajja barranija — hemm id-definitezza tal-blat u l-għerien. Il-likwidu kontra s-solidu m'hux ħlief aspett ċentrali tal-moħħ poetiku ta' Borg, u jekk minn dawn il-versi kollha wieħed ifittex li joħroġ sett ta' skemi metaforiċi, dan il-konfront ilma-blat jiffigura ruħu minnufih bħala xhieda ta' Borg imħaxken bejn żewġ estremi, il-vagezza tax-xewqa mhix imwettqa (l-ilma) u l-istabilità eterna, mingħajr tibdil, ta' stat mixtieq milħuq (il-blat).

DR. OLIVER FRIGGIERI.



Ritratt: *J. A. Vella A.R.P.S.*